23 ta' Mejju, 1949

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Caterina Galea *versus* Carmela Carabott

**Minaċċja — Preskrizzjoni —**
**Art. 353 (3) u 683 (f) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-minaċċja kontravvenzjonali hija preskrivibbli fi tliet xhur.*

*L-espressjoni ta' xewqa perversa jew awgurju malinn twaqqa' s-sentimenti tal-persuna li għaliha tkun diretta; imma la hi tali li tinkuti biża' u lanqas li timmenoma l-libertà individwali; u għalhekk ma tikkostitwix minaċċja.*

Fuq kwerela ta' l-imsemmija Galea, l-imsemmija Carabott ġiet miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, u b'sentenza tal-5 ta' Frar 1949 liberata bl-ispejjeż kontra l-kwerelanti;

B'sentenza tagħha tat-28 ta' Marzu 1949 (fol. 12) din il-Qorti rrespinġiet l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità opposta mill-

kwerelata kontra l-appell li l-kwerelanti għamlet mis-sentenza tal-Qorti t'Isfel;

Trattat ulterjorment l-appell..........., din il-Qorti kkunsidrat;

L-ewwel kwistjoni hi jekk l-azzjoni hijiex preskritta. Se maj, din hi l-minaċċja kontravvenzjonali, preskrivibili fi żmien tliet xhur skond l-art. 353 (e) kombinat ma' l-art. 683 (f) Kap. 12;

Ma jidherx li l-azzjoni—jekk "ex hypothesi" jingħad li hemm azzjoni—hi preskritta. Anki mit-termini tas-sentenza appellata( kunsidrata in bażi għax-xhieda tal-kwerelanti u tal-kwerelata, aktarx jidher li l-kliem intqalu xahrejn qabel id-9 ta' Jannar 1949 (dak in-nhar tal-ġlieda), jiġifieri ntqalu fid-9 ta' Novembru 1948. Il-kwerela saret fit-28 ta' Jannar 1949, mentri t-tliet xhur kienu jagħalqu fit-8 ta' Frar 1949. Preskrizzjoni għalhekk ma hemmx;

Fil-meritu;

Il-kliem kienu jew "dalwaqt jibnulek il-kaptelli", jew, fit-teżi l-aktar favorevoli għall-kwerelata, "dalwaqt nibnulek il-kaptelli". Anki jekk wieħed joqgħod fuq din il-versjoni ta' l-aħħar, ma jistax raġjonevolment jargumenta minaċċja, għaliex hemm biss l-espressjoni ta' xewqa perversa jew awgurju malinn, fis-sens illi l-kwerelata dalwaqt ikollha l-pjaċir li tara l-qabar jiġi preparat għall-kwerelanti. Dawk il-kliem jammontaw għal oħrajn "dalwaqt tmut", li f'nuqqas ta' ċirkustanzi oħra ma humiex minaċċja. L-espressjoni li minnha tilmenta l-kwerelanti tweġġa' s-sentimenti tal-persuna li għaliha hija diretta, imma la hi tali li tinkuti biża, u lanqas li timmenomalha l-libertà tagħha individwali; għaliex hija xewqa ħażina, imma mhux ħsieb li ssir xi ħaġa ta' ħsara lill-kwerelanti;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberat lill-kwerelata. L-ispejjeż jibqgħu regolati hekk.......... Onorarju għas-seduti kollha ......... 8s. l-waħda.